# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 11 ta' Ġunju, 2020**

**Kawża Nru. 3**

**Rik. Nru. 1221/08JRM**

Mark u Lydia konjuġi **FORMOSA**

vs

Vincent **BORĠ** u V&C Contractors Limited (C – 13748)

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fil-5 ta' Diċembru, 2008, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-atturi jitolbu li din il-Qorti (1) ssib li l-imħarrkin, jew lil min minnhom, jaħtu għad-danni li ġarrbu fil-fond tagħhom bl-isem "*Trident House*", fi Triq il-Buttaniera, Marsascala, magħduda l-għamara li hemm fl-istess fond li wasslu għal telf ta' qliegħ minħabba inattività ekonomika riżultat tal-ħsarat imġarrba, u dan minħabba xogħlijiet li l-istess imħarrkin kienu qegħdin jagħmlu f'sit li jmiss mad-dar tagħhom; (2) issib li l-imħarrkin, jew min minnhom, daħlu fi ħwejjiġhom u ħadu biċċa mill-art tagħhom mingħajr ir-rieda tagħhom; (3) tillikwida, għall-finijiet tal-ewwel talba tagħhom u jekk

meħtieġ bil-ħatra ta' perit għal dan il-għan, id-danni mġarrbin minnhom fil-post u fl-għamara u l-ġid mobbli ta' ġewwa fih; (4) tillikwida, għall-finijiet tat-tieni talba tagħhom, il-kumpens li jistħoqqilhom jingħataw talli l-imħarrkin, jew min minnhom, ħadulhom biċċa minn ħwejjiġhom; u (5) tkkundanna lill-imħarrkin, flimkien u solidalment bejniethom jew min minnhom, biex iħallsuhom id-danni hekk likwidati. Talbu wkoll l-ispejjeż u żammew sħaħ il-jeddijiet tagħhom għal kull azzjoni oħra spettanti lilhom;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-10 ta' Diċembru, 2008[1], li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-partijiet dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħhom;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fit-30 ta' Diċembru, 2008, li biha l-imħarrkin laqgħu għall-azzjoni attriċi billi, preliminarjament, qalu li x-xogħlijiet saru mill-kumpannija mħarrka V&C Contractors Limited u għaldaqstant l-imħarrek Vincent Borġ għandu jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju. Fil-mertu, (a) ċaħdu kull responsabbiltà attribwita lilhom mill-atturi, magħduda dik dwar it-teħid tal-art; (b) qalu li wettqu x-xogħol skond is-sengħa mitluba minnhom mil-liġi; u li (ċ) ma kellhomx jagħmlu tajjeb għall-ħlas ta' ebda danni jew kumpens;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tas-26 ta' Jannar, 2009[2], li bih ħatret lill-Perit Arkitett Robert Musumeci bħala Perit Tekniku sabiex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tat-talbiet attriċi;

Rat li b'ordni ta' surroga tal-24 ta' Jannar, 2014[3], li bih il-kawża kienet assenjata lil din il-Qorti kif issa presjeduta;

Rat id-degriet tagħha tat-28 ta' Ottubru, 2014[4], li bih awtorizzat lill-Perit tekniku jgħaddi biex iressaq ir-relazzjoni tiegħu;

Rat ir-Relazzjoni imressqa mill-Perit Tekniku fil-15 ta' Diċembru, 2014[5], magħduda d-dokumenti mehmużin magħha[6], u minnu maħlufa kif imiss waqt is-smigħ tal-25 ta' Marzu, 2015[7];

Rat in-nota mressqa mill-imħarrkin fis-26 ta' Marzu 2015[8], biex jitħallew iressqu lill-Perit Tekniku b'xhud tagħhom in eskussjoni;

---

[1] Paġ. 18 tal-proċess
[2] Paġ. 46 tal-proċess
[3] Paġġ. 65 – 6 tal-proċess
[4] Paġ. 71 tal-proċess
[5] Paġġ. 74 sa 110 tal-proċess
[6] Paġġ 111 sa 296 tal-proċess
[7] Paġ. 297 tal-proċess
[8] Paġ. 298 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha tat-22 ta' April, 2015, li bih laqgħet it-talba tal-imħarrkin biex jeskitu lill-imsemmi perit;

Rat ix-xhieda mogħtija mill-perit tekniku eskuss waqt is-smigħ tat-3 ta' Frar, 2016;

Rat id-degriet tagħha tal-25 ta' Frar, 2016[9], li bih tat lill-partijiet żmien sabiex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-atturi fl-14 ta' April, 2016[10];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrkin fit-18 ta' Ottubru, 2016[11], bi tweġiba għal dik tal-atturi;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkonsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' danni mġarrba minħabba f'xogħlijiet f'fond li jmiss ma' dak tal-atturi u għall-ħlas ta' kumpens minħabba teħid abbużiv ta' art tal-istess atturi huma u għaddejjin l-imsemmija xogħlijiet. L-atturi jgħidu li, qabel ma nbdew dawn ix-xogħlijiet, il-bini tagħhom kien tajjeb u miżmum f'kundizzjoni tajba. Waqt li kienu għaddejjin ix-xogħlijiet, u l-aktar b'riżultat ta' dħul ta' ilma, il-fond tagħhom ġarrab ħsarat f'bosta mkien, magħduda il-mobbli u merkanzija li kienet miżmuma fil-garaxx. Jgħidu wkoll li l-imħarrkin, bla jedd, daħlu fuq art li hija tagħhom. Huma għaldaqstant jitolbu kumpens għad-danni li ġarrbu minħabba aġir tal-imħarrkin;

Illi, għal din l-azzjoni, l-imħarrkin laqgħu billi, preliminarjament, qalu li x-xogħlijiet saru mill-kumpannija mħarrka V&C Contractors Limited u għaldaqstant l-imħarrek Vincent Borġ għandu jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju. Fil-mertu, (a) ċaħdu kull responsabbiltà attribwita lilhom mill-atturi, magħduda dik dwar it-teħid tal-art; (b) qalu li wettqu x-xogħol skond is-sengħa mitluba

[9] Paġ. 310 tal-proċess
[10] Paġġ. 311 sa 325 tal-proċess
[11] Paġġ. 333 – 8 tal-proċess

minnhom mil-liġi; u li (ċ) ma kellhomx jagħmlu tajjeb għall-ħlas ta' ebda danni jew kumpens;

Illi bħala fatti rilevanti li joħorġu mill-atti ta' din il-kawża jirriżulta li l-atturi huma s-sidien tal-fond bl-isem "*Trident House*", fi Triq il-Buttaniera, f'Wied il-Għajn li l-istess atturi daħlu jgħixu fih wara li bnewh fl-2001[12]. Fit-3 ta' Marzu, 2006, il-Perit Etienne Magri (maħtur mill-imħarrkin fil-proġett li kellu jsir) aċċeda fuq il-fond tal-atturi sabiex iħejji rapport ("*pre-condition report*") dwar l-istat tal-fond qabel ma jinbeda xogħol mill-imħarrkin fil-post li jmiss magħhom, jiġifieri f'"*Gesrend*", Triq Buttuniera, Wied il-Għajn. Il-Perit Magri ċċertifika li l-bini kien f'kundizzjoni tajba u miżmum tajjeb ħafna[13]. Preżenti għal din il-laqgħa kien hemm ukoll il-Perit imqabbad mill-attur, il-Perit Albert Borġ Costanzi[14]. L-imsemmi Perit Magri jistqarr li huwa kien il-perit imqabbad mill-imħarrek waqt li kien qiegħed jittella' l-bini l-ġdid[15];

Illi l-imħarrkin bdew bix-xogħlijiet, u waqt it-twaqqiegħ tal-binja li diġà kien hemm biex tittella' l-binja l-ġdida minflokha, ma saret l-ebda ħsara lill-post tal-atturi[16], għajr f'biċċa mill-ħajt tal-ġnien ta' barra[17]. Madankollu, f'Ottubru tal-istess sena, kien hemm maltempata kbira li wasslet biex fil-fond tal-atturi daħlet kwantità kbira ta' ilma meta l-bini fil-post tal-imħarrkin kien wasal fil-livell tat-tieni sular[18]. L-attur jgħid li, minbarra fil-binja, sab ħsarat ukoll fil-makkinarju li kien iżomm fil-garaxx b'rabta man-negozju tiegħu[19]. Għalkemm l-attur jgħid li kien laħaq ftehim mal-imħarrek biex jagħmel xi xogħlijiet rimedjabbli, dan issarraf fl-imħarrek jibni biss ċint li kien jikkonsisti f'filata waħda[20];

Illi f'Marzu tas-sena 2007, waqt maltempata oħra, l-atturi reġgħu ġarrbu ħsara fil-fond tagħhom bid-dħul tal-ilma minn barra. Perit imqabbad mill-atturi iċċertifika u ikkwantifika l-ħsarat imġarrba minnhom f'rapport li jġib id-data ta' l-1 ta' Diċembru, 2009[21]. Huwa jattribwixxi din il-ħsara għal dħul ta' ilma u ċediment ("*settlement*") ta' pedament[22];

---

[12] Xhieda ta' Louis Muscat f'paġ. 189 tal-proċess

[13] Ara Dok. "MF1" f'paġ. 136. Il-Perit Magri jistqarr li "*the overall structure condition of this property is good and the standard of finishing is excellent*"

[14] Ara seduta numru 7, xhieda tal-Perit Borġ Costanzi f'paġ. 185 tal-proċess

[15] Xhieda tiegħu f'paġ. 192 tal-proċess

[16] Xhieda tal-attur f'paġ. 132 tal-proċess

[17] Dok "1B", f'paġ. 144 tal-proċess

[18] Fi kliem l-attur, daħal mas-6 pulzieri ilma. Ara seduta numru 4, xhieda tal-attur f'paġ. 133 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda ta' Louis Muscat f'paġ. 190 tal-proċess

[19] *Ibid* paġ. 134 tal-proċess. Ara wkoll ritratt numru 12C f'paġ. 172 tal-proċess

[20] *Ibid* paġ. 135 tal-proċess

[21] Ara paġġ. 137 – 9 tal-proċess. Ir-rapport jixhed li l-ħsarat kienu jinsabu, fost oħrajn, fil-faċċata tal-fond tal-atturi; f'bosta ħitan fid-dar, magħdud fil-garaxx, fil-ħitan diviżorji, magħdud il-ħruġ ta' konsenturi; ħsara lill-madum f'diversi livelli fid-dar inkluż ftuħ ta' fili; ħsara lis-suffitt u "*skirting*" u ksur ta' blokks tal-ħġieġ. Ara wkoll ritratti f'paġġ. 142 sa 172 tal-proċess

[22] Ara x-xhieda tal-Perit Borġ Costanzi f'paġ. 187 tal-proċess. Ara wkoll Dok. "MF70311-2" f'paġġ. 244 sa 251 tal-proċess

Illi l-imħarrkin, għalkemm ma jikkontestawx il-ħsarat li ġarrbu l-atturi fil-ġid tagħhom, jgħidu li d-dħul tal-ilma fil-garaxx kien dovut għall-fatt li l-fond ta' l-atturi kien f'livell aktar baxx minn dak li fih kienu għaddejja x-xogħlijiet[23]. Il-perit imqabbad mill-imħarrkin jgħid li l-problemi tad-dħul tal-ilma fil-fond tal-atturi inħalqet minħabba l-fetħa li kienet tħalliet bejn il-ħitan li jifirdu ż-żewġ fondi u li, sa ma tlestew ix-xogħlijiet, ma kinux issiġillawhom[24]. L-attur xehed[25], li wara li l-fetħa ngħalqet, kemm minn quddiem u kif ukoll minn wara, ma baqax inixxi aktar ilma ġol-post tiegħu;

Illi l-atturi kkwantifikaw d-danni mġarrba minnhom fl-ammont ta' wieħed u disgħin elf, erba' mija u sitta u disgħin ewro u ħamsa u sittin ċentezmi (€91,496.65)[26]. Jgħidu wkoll li tilfu d-dħul min-negozju tagħhom minħabba t-tgħarrieq tal-merkanzija, fl-ammont ta' sitta u sebgħin elf, disa' mija wieħed u tletin ewro (€76,931)[27];

Illi l-kumpannija assikuratriċi tal-atturi, f'rapport tal-perit tagħha li sar f'Novembru tal-2011, waslet għall-fehma li d-danni li ġarrbu l-atturi ma jaqbżux it-tlett elef tliet mija w għoxrin ewro (€3,320)[28];

Illi fl-4 ta' Frar, 2008[29], l-atturi bagħtu jinterpellaw lill-imħarrkin b'ittra uffiċjali biex jersqu għal-likwidazzjoni tad-danni u xlew lill-intimati li daħlu fuq art tagħhom meta tellgħu qoxra għall-binja l-ġdida fuq art tal-mittenti u talbuhom jikkumpensawhom għat-teħid ta' dik l-art;

Illi fil-5 ta' Diċembru, 2008, infetħet din il-kawża;

Illi l-perit tekniku mqabbad mill-Qorti wasal għall-fehma illi l-ħsarat li ġarrbu l-atturi kienu dovuti għal nuqqasijiet min-naħa tal-imħarrkin, ħlief għal dak li jirrigwarda danni dovuti għaċ-ċediment ("settlement") fil-pedament, li huwa jgħid li ma ġiex ippruvat[30]. Jgħid ukoll illi ma tressqet ebda prova li l-imħarrkin daħlu fuq art tal-atturi[31]. Bħala danni rimedjabbli, il-perit tekniku jikkwantifikahom fl-ammont ta' tmint elef u mitejn ewro (€8,200). Għar-rigward tal-ħsarat imġarrba lill-mobbli, il-perit tekniku ma għamel ebda analiżi tagħhom u straħ fuq il-prova mressqa mill-atturi[32];

---

[23] Ara x-xhieda tal-Perit Etienne Magri f'paġ. 194 tal-proċess
[24] *Ibid* f'paġ. 193 tal-proċess
[25] Xhieda tiegħu fil-kontro-eżami f'paġ. 256 tal-proċess
[26] Ara Dok. "MF70311-1" f'paġġ. 198 sa 208 tal-proċess. Ara wkoll appendiċi "A" f'paġġ. 209 sa 240 tal-proċess
[27] €26,028 + €50,903. Ara paġġ. 242 – 3 tal-proċess
[28] Ara x-xhieda tal-Perit Mariello Spiteri f'paġġ. 284 – 284A tal-proċess. Ara wkoll rapport f'paġġ. 269 – 270 tal-proċess
[29] Dok. "B" f'paġ. 5 tal-proċess
[30] Ara Relazzjoni tal-Perit Tekniku f'paġ. 83 tal-proċess
[31] *Ibid* paġ. 108 tal-proċess
[32] Ara xhieda tal-Perit Robert Musumeci f'paġ. 304 tal-proċess. F'paġ. 307, il-Perit Musumeci jikkonferma illi mir-ritratti eżebiti marbuta mal-mobbli jidhru li kienu stivati fil-garaxx tal-attur

Illi bħala <u>konsiderazzjonijiet ta' xejra legali</u> marbutin mal-kawża, l-azzjoni tal-lum hija dik tad-danni akwiljani. L-atturi jixlu lill-imħarrkin b'aġir negliġenti u b'xogħol li ma sarx skond ma jitolbu s-sengħa u l-ħila, filwaqt li min-naħa tagħhom, l-imħarrkin jilqgħu għat-talbiet attriċi billi jgħidu li x-xogħol sar sewwa;

Illi qabel ma tgħaddi biex tistħarreġ il-każ fil-mertu, il-Qorti sejra l-ewwelnett tqis l-**eċċezzjoni preliminari proċedurali** mressqa mill-imħarrkin fit-Tweġiba Maħlufa, jiġifieri dik marbuta mal-leġittimu kontradittur u ma' min minnhom għandu jwieġeb għall-pretensjonijiet attriċi;

Illi f'din l-eċċezzjoni tagħhom, l-imħarrkin iqisu li l-imħarrek Vincent Borġ tħarrek għalxejn għaliex il-post fejn saru x-xogħlijiet kien tal-kumpannija mħarrka u mixtri minnha (flimkien ma' wieħed Paul Sultana), filwaqt li kienet l-istess kumpannija li wettqet il-proġett. Huma jgħidu li din il-ħaġa tidher mingħajr ebda diffikultà jekk wieħed jara l-kuntratt pubbliku li bih inxtara l-post;

Illi, min-naħa tagħhom, l-atturi jilqgħu għal din l-eċċezzjoni billi jgħidu li l-imħarrek Borġ huwa sid is-sit li fih saru x-xogħlijiet u kien hu li qabbad lil-kumpannija tiegħu stess biex tagħmel il-proġett. Għalhekk, iqisu li t-tnejn li huma jridu jwieġbu għall-pretensjonijiet tagħhom u waħda ma tistax teħles lill-ieħor u t-tnejn huma kontradittturi leġittimi tal-azzjoni attriċi;

Illi l-bażi ta' l-eċċezzjoni tal-imħarrek hija d-distinzjoni fil-personalità ġuridika bejn dik tal-kumpannija V&C Contractors Limited u l-imħarrek Borġ li deher f'isimha;

Illi l-Qrati jgħallmu illi sabiex jigi stabbilit jekk parti f'kawża hijiex jew le leġittimu kontradittur tal-parti l-oħra, il-Qorti trid tistħarreġ jekk mad-daqqa t'għajn il-persuna imħarrka kinetx materjalment parti fin-negozju li, skond il-parti attriċi, ħoloq ir-relazzjoni ġuridika ta' bejniethom u li wasslu biex inħolqu obbligazzjonijiet fuq il-parti imħarrka illi kellha twieġeb għalihom[33];

Illi l-prinċipji ġenerali dwar il-personalità ġuridika ta' kumpannija kummerċjali jgħallmuna illi din għandha personalità ġuridika distinta minn dik tal-membri tagħha[34]. Fuq dan il-punt l-awturi jgħallmu li "*Maltese law sometimes expressly addressed the relationship between the notion of separate juridical personality of an entity and that of the liability of its members. Thus, in the case of a company (a separate juridical person) its members are not*

[33] App. Ċiv. **5.10.2001**, fil-kawża fl-ismijiet ***Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et***
[34] Artikolu 4(4) tal-Att dwar il-Kumpanniji

*liable for the company's obligations and debts. Their own only liability is to pay any balance remaining upaid on shares held by them in the company.*"[35];

Illi, madankollu, kif ġie ritenut mill-Qrati Maltin, kwistjonjiet marbuta mar-responsabiltà huma distinti mill-elementi l-oħra tal-personalità ġuridika u tar-rapprezentanza, u meta dik id-distinzjoni ma tinżammx, il-konsegwenti konfużjoni ġġib magħha wkoll konfużjoni fis-soluzzjonijiet ġuridiċi[36];

Illi l-liġi torbot ukoll lill-parti f'kawża li tipprova dak li tallega[37] u li tagħmel dan billi tressaq l-aħjar prova;[38]

Illi l-abbli difensur tal-attur jgħid li l-azzjoni ttieħed fil-konfront ta' l-imħarrek Borġ billi Borġ huwa s-sid tal-fond li jmiss ma' tiegħu u kien hu li qabbad lill-kumpannija mħarrka biex tagħmel ix-xogħlijiet fil-fond tiegħu[39];

Illi, min-naħa l-oħra, l-abbli difensur tal-imħarrkin tgħid li mill-kuntratt ta' akkwist tal-fond "Gesrend", Triq Buttuniera, Marsascala, il-fond inxtara mill-kumpannija mħarrka flimkien ma Paul Sultana, u li l-imħarrek Borġ deher f'isem il-kumpannija[40]. Iżda kopja ta' dan il-kuntratt ma tressaqx mill-imħarrkin bħala prova, u għalhekk dak li jgħidu l-imħarrkin fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom ma jservix bħala prova. Min-naħa l-oħra, mid-dikjarazzjoni li għamel il-Perit Etienne Magri meta aċċeda fuq il-fond tal-atturi qabel ma bdew ix-xogħlijiet, huwa jgħid li ġie mqabbad mill-imħarrek Borġ: " .. *I have been commissioned by our Client, Mr Vincent Borg, to make an inspection of his neighour's property at "Trident House", Triq il-Buttuniera, M'Scala*"[41];

Illi l-minħabba dawn il-konsiderazzjonjiet, b'mod parikolari n-nuqqas ta' prova mressqa mill-imħarrkin, il-Qorti ssib li l-ewwel eċċezzjoni mhix tajba u mhux ser tilqagħha;

Illi **fil-mertu**, il-konsiderazzjonijiet ta' natura legali li l-Qorti jeħtiġilha tagħmel jintrabtu man-natura essenzjali tal-azzjoni attriċi li hija waħda għal riżarċiment ta' dannu mġarrab marbut max-xilja li l-imħarrkin jaħtu għal dan id-dannu. Il-parametri ta' azzjoni mibnija fuq il-ħtija akwiljana huma

---

[35] A Muscat, Principles of Maltese Company Law (2007), paġ. 224
[36] App. Ċiv. **4.10.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Buġeja vs Carmelo Agius et***, (Kollez. Vol. **LXXV.ii.418** fil-qafas ta' soċjetà ċivili)
[37] Art. 562 tal-Kap 12
[38] Art. 559 tal-Kap 12
[39] Ara Nota ta' Sottomissjonijiet tal-attur f'paġ. 323 tal-proċess
[40] Ara Nota ta' Sottomissjonijiet tal-imħarrkin f'paġ. 335 tal-proċess
[41] Ara Dok. "MF1" f'paġ. 136 tal-proċess

mfasslin mil-liġi nfisha. L-għajn ewlenija li ssejjes ir-responsabbiltà ċivili toħroġ minn imgiba li wieħed jislitha minn dolo jew kolpa[42];

Illi dwar il-kwestjoni tar-responsabbiltà għal dak li seħħ, huwa prinċipju stabilit li kull persuna twieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtijietha[43], u li jitqies fi ħtija kull min, f'għamilu, ma jużax il-prudenza, għaqal u ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja[44]. B'mod partikolari, kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel ħsara, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' għaqal, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi, huwa obbligat li jagħmel tajjeb għall-ħsara li tiġri minħabba f'hekk[45];

Illi l-Qrati tagħna jisħqu illi "*si ha la colpa ed il quasi-delitto quando vi ha la violazione di un dovere od una volontaria ommissione di diligenza, per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione od omissione, e si viola il diritto altrui senza volerlo, ed anche senza avvedersene*"[46];

Illi madankollu, ħsara li sseħħ b'aċċident jew b'forza maġġuri jbatiha dak li fuq ħwejġu tiġri l-ħsara, sakemm il-liġi ma tgħidx mod ieħor[47]. Bil-frażi "dmir impost mil-liġi", wieħed għandu jifhem kull għamla ta' ksur jew trasgressjoni ta' xi dover li l-liġi tqiegħed fuq persuna partikolari f'xi ċirkostanza partikolari[48], u dan taħt il-massima '*qui non facit quod facere debet videtur facere adversus ea quae non fecit'*. Bilkemm għandu għalfejn jingħad li b'liġi hawn wieħed ma jifhimx biss il-liġi ċivili, imma wkoll kull att leġislativ li għandu s-saħħa ta' liġi;

Illi hu prinċipju stabbilit wkoll illi kull min jagħmel użu ta' jedd tiegħu fil-qies li jmiss, ma jweġibx għall-ħsara li tiġri b'dak l-użu[49];

Illi fil-każ fejn persuna tallega li tkun ġarrbet ħsara minħabba l-għemil jew l-omissjoni tal-parti l-oħra, jeħtieġ li min jallega li ġarrab dannu jipprova kemm l-att jew l-omissjoni tal-persuna mixlija bir-responsabbiltà ta' dak l-għemil jew ta' dik l-omissjoni, u kif ukoll li d-danni mġarrba huma l-effett konsekwenzjali ta' dak l-għemil jew ta' dik l-omissjoni[50]. Fil-każ tal-lum, fir-rigward tal-kwestjoni tar-responsabbiltà huwa meħtieġ li jintwera li l-atturi

---

[42] P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Michael D'Amato noe vs Filomena Spiteri et***
[43] Art. 1031 tal-Kap. 16
[44] Art. 1032(1) tal-Kap. 16
[45] Art. 1033 tal-Kap. 16
[46] App. Ċiv. **14.11.1919** fil-kawża fl-ismijiet ***Azzopardi vs Arcicovich et*** (Kollez. Vol: **XXIV.i.172**). Fl-istess sens is-sentenzi App. Ċiv. **3.3.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***D'Amato et vs Camilleri et*** (Kollez. Vol: **XLII.i.75**); App. Ċiv. **24.4.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Coleiro noe vs Cassar*** (Kollez. Vol: **XLVIII.i.258**) u P.A. **23.1.1980** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr John Cesareo M.D. et vs Francesco Sciberras et*** (mhix pubblikata)
[47] Art. 1029 tal-Kap. 16
[48] App. Ċiv. **30.6.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Micallef vs Bondin*** (Kollez. Vol: **LXXX1.ii.582**)
[49] Art. 1030 tal-Kap. 16
[50] App. Ċiv. Inf. PS **23.6.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Ġiovanni Vella et vs Michael Ċilia***

ġarrbu l-ħsarat li minnhom jilmintaw, kif ukoll jeħtieġ li jintwera li dik il-ħsara ġrat bi ħtija tal-imħarrkin. Din ir-rabta ta' kawżalità bejn l-għemil (jew l-omissjoni) tal-parti u l-effetti mġarrba hija s-sies tal-azzjoni mressqa mill-atturi;

Illi mill-provi mressqa jirriżulta li l-partijiet ressqu bħala xhieda tliet esperti tekniċi '*ex parte*', filwaqt illi l-Qorti ħatret perit tekniku sabiex, fost l-oħrajn, jirrelata dwar l-aspett tekniku marbut mal-każ;

Illi mill-kostatazzjonijiet magħmula mill-perit tekniku maħtur mill-Qorti u r-raġunijiet dettaljati w mirquma li huwa jagħti fir-Relazzjoni tiegħu, joħroġ ċar illi ċertu xogħol fil-post tal-imħarrkin ma sarx skond kif jitolbu s-sengħa u l-ħila, u li għal dan għandhom iwieġbu l-imħarrkin. Il-perit tekniku rrelata illi n-nuqqasijiet mill-imħarrkin huma mifruxa f'diversi livelli fil-binja tal-atturi. F'dan ir-rigward, u bla ma tirrepeti fit-tul u bla ħtieġa, il-Qorti tirreferi għal paragrafu 5 tal-imsemmija Relazzjoni[51] biex turi fejn hija sabet il-konvinċiment tagħha li jwassalha biex tagħżel li toqgħod fuq is-sejbiet tal-perit tekniku minnha maħtur. Il-Qorti tqis ukoll l-obbligu mistenni minn kull min jiżviluppa s-sit tiegħu li jieħu dawk il-prekawzjonijiet kollha meħtieġa biex jiġi evitat li ssir ħsara lill-fond tal-ġar[52];

Illi l-Qorti tqis illi l-imħarrkin, għalkemm ressqu talba għall-ħatra ta' periti addizzjonali biex iwaqqgħu l-fehmiet imtennija mill-perit tekniku, ma nsistewx għaliha. Huma eskutew lill-perit maħtur mill-Qorti u ressqu lill-Qorti argumenti kontra xi sejbiet u mit-tweġibiet li huwa ta għal dik l-eskussjoni din il-Qorti ma ssibx li dawk l-argumenti jseħħilhom jikkonvinċuha biex twarrab ir-riżultanzi tekniċi li joħorġu minn dik ir-Relazzjoni biex, minflok, tadotta t-teżi tal-imħarrkin jew tal-periti mqabbdin minnhom;

Illi, għalhekk, il-Qorti sejra tilqa' **l-ewwel talba attriċi** għaliex hija mistħoqqa fuq il-fatti pruvati u fid-dritt. Fl-istess waqt, mhijiex sejra tilqa' i**t-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet** fil-mertu tal-imħarrkin dwar iċ-ċaħda tar-responsabbiltà w it-twettiq sewwa tax-xogħol skond kif jeħtieġu s-sengħa u l-ħila;

Illi minħabba li ma tresqu ebda provi marbuta ma**t-tieni talba attriċi**, il-Qorti sejra tiċħadha bħala mhux mistħoqqa, u tilqa' i**r-raba' eċċezzjoni** tal-imħarrkin fil-mertu dwar iċ-ċaħda li b'xi mod huma daħlu fuq art tal-atturi kontra r-rieda tagħhom;

Illi ladarba l-Qorti sabet li l-ewwel talba attriċi hija mistħoqqa, il-konsegwenza ta' tali nuqqas huwa l-għoti tad-danni lill-atturi.

---

[51] §§ 5.1 - 5.1.7 f'paġġ. 104 – 8 tal-proċess
[52] P.A. D.S. **11.7.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Louis Sammut vs Carmelo Żammit***

Illi fir-rigward tal-**likwidazzjoni tad-danni**, il-perit tekniku jirrelata fid-dettal dwar il-likwidazzjoni tad-danni pretiżi mill-atturi. Il-Qorti tirreferi għax-xogħlijiet rimedjabbli li l-perit tekniku huwa tal-fehma li huma meħtieġa li huma miġbura b'mod dettaljat fil-paragrafu ħamsa punt wieħed punt sebgħa (§5.1.7) tal-istess Relazzjoni[53]. Fil-fehma tiegħu, dawn jitilgħu b'kollox għal tmint elef u mitejn ewro (€8,200);

Illi l-imħarrkin iddedikaw il-biċċa l-kbira tas-sottomissjonijiet tagħhom biex jgħaddu kritika tal-mod kif il-perit tekniku wasal għal-likwidazzjoni tad-danni, b'mod partikolari għal dak li jirrigwarda l-ħsarat lill-mobbli. F'dan ir-rigward, huma jissuġġerixxu li l-Qorti ma toqgħodx fuq il-fehmiet tal-istess perit. Dwar il-likwidazzjoni tad-danni milħuqa mill-perit dwar il-ħsara fil-bini tal-atturi u kemm tlaħħaq in-nefqa biex jissewwew il-ħsarat, l-imħarrkin joqogħdu għall-ġudizzju tal-Qorti[54];

Il-Qorti qrat b'reqqa l-punti mqajmin mill-imħarrkin, u tqis li din il-kritika hija mistħoqqa f'dak li jirrigwarda d-danni mitluba mill-atturi dwar il-ħsarat fi ħwejjeġ mobbli u tagħmir li kien jinsab fil-kantina ta' darhom meta daħal l-ilma fil-maltempata. Fil-fehma tal-Qorti, l-atturi ma seħħilhomx juru b'mod f'saħħtu biżżejjed u fil-grad li trid il-liġi, id-dannu li huma ġarrbu lill-materjal elettroniku (mobbli) li kien imferrex fi bnadi tal-kantina ta' darhom. Il-Qorti għandha quddiemha ritratti ta' materjal elettroniku li jidher li ttieħdu fil-fond tal-atturi, u li l-atturi jgħidu li ġarrab ħsara minħabba dħul ta' ilma. Għandha quddiemha wkoll prospett tat-telf tal-materjal, u żewġ rapporti marbuta ma' telf ta' qligħ minħabba nuqqas ta' użu ta' l-istess materjal elettroniku;

Illi, madankollu, ħareġ ċar mix-xhieda mogħtija mill-perit tekniku waqt l-eskussjoni tiegħu, li huwa ma ra qatt it-tagħmir u l-ħwejjeġ mobbli li kien hemm fil-kantina tal-post tal-atturi u li dwarhom iressqu pretensjoni ta' kumpens, qabel ma ħareġ l-istima ta' kemm kienu jiswew. Joħroġ ukoll li, dwar dik il-"likwidazzjoni", qagħad fuq rapport ta' perit imqabbad *ex parte* mill-atturi[55], li lanqas huwa nnifsu ma ra l-istess oġġetti – għaliex qal li huwa qagħad fuq ritratti li jingħad li ttieħdu tal-istess tagħmir – u għamel dak ir-rapport bosta xhur wara li suppost ġrat il-ħsara (bla ma semma stima tal-ħsarat). Minbarra dan, l-imsemmija ritratti[56] ma nħalfux minn min ħadhom[57]. F'dan ir-rigward, il-Qorti tqis ukoll li meta l-perit trekniku "illikwida" l-ħsarat fit-tagħmir u l-

[53] Paġġ. 108 – 110 tal-proċess
[54] § 20 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġ. 336 tal-proċess
[55] Rapport datat 1.12.2009 f'paġġ. 137 – 9 tal-proċess
[56] Dokti "E", "4A" u "12Ċ", f'paġġ. 13 – 4, 152 u 172 tal-proċess
[57] Il-*loss adjustor* Chris Hayes

ħwejjeġ mobbli msemmija, huwa qagħad fuq ċifra msemmija mill-attur li kienet tgħodd fiha l-istima tal-ħsara fil-bini tal-atturi[58];

Illi l-attur ressaq ukoll prospett[59] ta' dik li tidher li hija lista ta' *stock* marbut ma' tagħmir elettroniku (jew '*components*') li jindika li jaqbeż l-erbat elef u sitt mitt (4,600) biċċa. Il-Qorti ma tista' bl-ebda mod tqis dik il-lista bħala prova li wieħed joqgħod fuqha biex tixhed x'kienu l-ħsarat fit-tagħmir li l-atturi jgħidu li kien hemm fil-kantina ta' darhom. Dan jingħad għaliex, minbarra li l-għadd hekk elenkat ma jaqbilx mal-għadd u l-għamla ta' oġġetti murija fl-imsemmija ritratti (li kieku wieħed kellu joqgħod fuqhom), jidher ukoll li dik il-lista ttieħdet minn oriġinal li ma tressaqx fl-atti u ma tfissirx x'inhu u x'jirrappreżenta;

Illi l-atturi donnhom jistennew li l-Qorti toqgħod fuq dawn il-provi 'sekondarji' meta l-liġi teżiġi li titressaq l-aħjar prova. L-anqas ħaġa li l-atturi setgħu jagħmlu biex isaħħu l-fehmiet tagħhom kien li jtellgħu bħala xhieda lill-persuni direttament involuti f'dan ir-rigward u jikkonfermaw taħt ġurament kemm ir-ritratti miġbuda minnhom, kif ukoll it-telf li l-atturi ġarrbu min-nuqqas ta' użu tagħhom. Min-naħa l-oħra, għar-rigward tal-materjal elettroniku, il-Perit Tekniku, jgħid li fiżikament huwa la ra u lanqas għamel eżami tagħhom[60];

Illi fid-dawl ta' dak li tipprovdi l-liġi[61], din hija waħda minn dawk il-każijiet fejn il-Qorti ma ssibx li għandha tintrabat li taċċetta l-konklużjoni tal-perit minnha maħtur kontra l-konvinzjoni tagħha nnifisha. Min-naħa l-oħra, fin-nuqqas min-naħa tal-atturi li jressqu provi tajbin u ċari biżżejjed biex din il-Qorti tista' tilqa' t-talba tagħhom, ma hemmx għażla oħra ħlief li l-Qorti tgħid li, f'dan ir-rigward, *actore non probante reus absolvit*;

Illi għaldaqstant l-Qorti hija tal-fehma li **t-tielet talba** attriċi għandha tintlaqa' limitatament għar-rigward tad-danni li l-atturi ġarrbu fil-bini tagħhom, u tiċħadha fuq nuqqas ta' provi, fejn tirreferi għat-talba marbuta mad-danni mġarrba lill-ġid mobbli;

Illi għall-finijiet ta**r-raba' u l-ħames talbiet attriċi**, il-Qorti tasal għal-likwidazzjoni fis-somma ta' tmint elef u mitejn ewro (€8,200) li l-imħarrkin solidalment iridu jagħmlu tajjeb għalihom minħabba l-ħsarat illi ħolqu lill-atturi fil-ġid immobbli tagħhom;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

[58] Ara d-Dok "MF70311 – 1", f'paġ. 208 tal-proċess
[59] F'paġġ. 225 sa 239 tal-proċess
[60] Xhieda tiegħu in eskussjoni f'paġġ. 306 – 7 tal-proċess
[61] Art. 681 tal-Kap 12

**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari** tal-imħarrek Vincent Borġ u ssib li huwa wkoll leġittimu kontradittur tal-azzjoni attriċi u jrid iwieġeb għall-pretensjonijiet tagħhom;

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u ssib li l-imħarrkin jaħtu għall-ħsarat li ġarrab il-post tal-atturi minħabba dħul ta' ilma huma u jsiru xogħlijiet mill-imħarrkin f'sit li jmiss mal-imsemmi post;

**Tastjeni milli tqis it-tieni u r-raba' talbiet attriċi** ladarba l-atturi ma ressqux provi dwarhom u jidher li irrinunzjaw għalihomu b'hekk tilqa' r-raba' u s-sitt eċċezzjonijiet marbuta mal-imsemmija talbiet;

**Tilqa' it-tielet talba attriċi** limitatament għar-rigward tad-danni mġarrba lill-post tal-atturi u tillikwida d-danni hekk imġarrba fl-ammont ta' tmint elef u mitejn ewro (€8,200), iżda tiċħad l-istess talba safejn titlob il-likwidazzjoni tad-danni mġarrba fit-tagħmir jew ħwejjeġ mobbli li kienu jinsabu fl-imsemmi post, u dan għaliex ma tressqux provi tajbin u biżżejjed;

**Tilqa' il-ħames talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrkin flimkien u solidalment bejniethom biex iħallsu l-ammont ta' tmint telef u mitejn ewro (€8,200) lill-atturi, flimkien mal-ispejjeż marbuta mal-ittra uffiċjali tal-4 ta' Frar, 2008; u

**Tordna** li l-imħarrkin iħallsu erbgħa minn ħamsa ($^{4}/_{5}$) tal-**ispejjeż tal-kawża**, filwaqt li l-atturi jħallsu l-kwint ($^{1}/_{5}$) li jifdal, għall-finijiet tal-artikolu 223(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**11 ta' Ġunju, 2020**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**

**11 ta' Ġunju, 2020**